Verżjoni Elettronika

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,675, 30 ta' Lulju, 2021*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru LV tal-2021**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Ilsien Malti, Kap. 470.**

**ACT No. LV of 2021**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Maltese Language Act, Cap. 470.**

Verżjoni Elettronika



Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

30 ta' Lulju, 2021

**ATT Nru LV tal-2021**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Ilsien Malti, Kap. 470.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar l-Ilsien Malti u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Ilsien Malti, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 470.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ilsien Malti jista' permezz ta' avviż jistabbilixxi fil-Gazzetta.

**2.** Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, fit-tifsira "Ministru", il-kliem "għall-edukazzjoni;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-ilsien Malti;". Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

Verżjoni Elettronika



Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

**3.** Is-subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Kunsill għandu jkun magħmul minn ħmistax (15)-il membru u osservatur kif ġej:

(a) President maħtur mill-Prim Ministru u magħżul minn fost persuni stabbiliti u kwalifikati fl-istudju tal-Malti u li jiġu rakkomandati flimkien jew separatament mill-Akkademja tal-Malti u mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università;

(b) rappreżentant nominat mill-Akkademja tal-Malti;

(ċ) rappreżentant nominat mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta;

(d) rappreżentant nominat mill-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa fl-Università;

(e) rappreżentant tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni li ġej mill-qasam tat-tagħlim tal-Malti skont il-Kurrikulu Nazzjonali nominat mill-Ministru;

(f) rappreżentant nominat mill-Kunsill Malti għall-Arti;

(g) is-Segretarju Permanenti Ewlieni taċ-Ċivil jew rappreżentant tiegħu;

(h) rappreżentant elett skont kif jiġi preskritt minn u minn fost il-membri tal-kumitati tal-għaqdiet tal-Malti li huma mniżżla fl-Iskeda A, għajr L-Akkademja tal-Malti;

(i) rappreżentant tal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin;

(j) rappreżentant tal-Awtorità tax-Xandir;

(k) rappreżentant tad-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, tat-Terminoloġija u l-Interpretar fl-Università;

(l) rappreżentant tal-pubblikaturi Maltin innominat mill-pubblikaturi b'konsultazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb;

(m) rappreżentant tal-letturi speċjalizzati fit-

Verżjoni Elettronika



tagħlim tal-Malti nnominat mill-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università;

(n) rappreżentant tal-għalliema tal-iskejjel tal-Knisja mill-qasam tal-Malti nnominat mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika;

(o) rappreżentant tal-għalliema tal-iskejjel indipendenti mill-qasam tal-Malti nnominat mill-iskejjel indipendenti; u

(p) rappreżentant osservatur tad-dipartimenti tal-Malti tat-tradutturi tal-Unjoni Ewropea, innominat flimkien mill-istess dipartimenti, li huma mniżżla fl-Iskeda B.".

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

**4.** Fil-paragrafu (a) tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali l-kliem "jemenda l-Iskeda" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jemenda l-Iskedi".

Emenda tal-Iskeda A li tinsab mal-Att prinċipali.

**5.** Fl-Iskeda A li tinsab mal-Att prinċipali minnufih qabel il-partita "L-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti mwaqqfa fl-2010" għandhom jiżdiedu l-partiti ġodda li ġejjin:

" **.** Inizjamed imwaqqfa fl-1998

**.** L-Għaqda tal-Għalliema tal-Malti mwaqqfa fl-1999".

Emenda tal-Iskeda B li tinsab mal-Att prinċipali.

**6.** Fl-Iskeda B li tinsab mal-Att prinċipali l-kliem "Iżda l-parteċipazzjoni tar-rappreżentant" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-parteċipazzjoni tar-rappreżentant".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 488 tat-13 ta' Lulju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

Verżjoni Elettronika



I assent.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

30th July, 2021

**ACT No. LV of 2021**

*AN ACT to amend the Maltese Language Act, Cap. 470.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title and commencement.

Cap. 470.

**1.** (1) The short title of this Act is the Maltese Language (Amendment) Act, 2021 and this Act shall be read and construed as one with the Maltese Language Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall come into force on such date as the Minister responsible for the Maltese language may by notice in the Gazette establish.

Amendment of article 2 of the principal Act.

**2.** In article 2 of the principal Act, in the definition "Minister", the words "for education;" shall be substituted by the words "for the Maltese language;".

Verżjoni Elettronika



**3.** Sub-article (2) of article 4 of the principal Act shall be substituted by the following new sub-article: Amendment of article 4 of the principal Act.

"(2) The Council shall be made up of fifteen (15) members and an observer as follows:

(a) a Chairman appointed by the Prime Minister and chosen from among persons who are established and qualified in the study of Maltese and who are recommended by L-Akkademja tal-Malti and by the Department of Maltese at the University of Malta jointly or separately;

(b) a representative nominated by L-Akkademja tal-Malti;

(c) a representative nominated by the Department of Maltese at the University of Malta;

(d) a representative nominated by the Institute of Linguistics and Language Technology at the University;

(e) a representative of the Education Division coming from the National Curriculum Department and nominated by the Minister;

(f) a representative nominated by the Arts Council Malta;

(g) the Principal Permanent Secretary of the Civil Service or his representative;

(h) a representative elected in such manner as may be prescribed by and from among members of the committees of the Maltese language associations listed in Schedule A, excluding L-Akkademja tal-Malti;

(i) a representative of the Institute of Maltese Journalists;

(j) a representative of the Broadcasting Authority;

(k) a representative of the Department of Translation, Terminology and Interpreting Studies at the University;

(l) a representative of the Maltese publishers nominated by the publishers in consultation with the

Verżjoni Elettronika



National Book Council;

(m) a representative of the lecturers specialised in the teaching of Maltese nominated by the Faculty of Education at the University; and

(n) a representative of the teachers of Maltese within the Church schools nominated by the Secretariat for Catholic Education;

(o) a representative of the teachers of Maltese within independent schools nominated by the independent schools; and

(p) an observer representative of the departments of Maltese translators of the European Union, jointly nominated by the same departments that are listed in Schedule B.".

Amendment of article 24 of the principal Act.

**4.** In paragraph (a) of article 24 of the principal Act the words "amend the Schedule" shall be substituted by the words "amend the Schedules".

Amendment of Schedule A to the principal Act.

**5.** In Schedule A of the principal Act immediately after item "L-Għaqda tal-Poeti Maltin set up in 1975" there shall be added the following new items:

"**.** Inizjamed set up in 1998

**.** L-Għaqda tal-Għalliema tal-Malti set up in 1999".

Amendment of Schedule B of the principal Act.

**6.** In Schedule B of the principal Act the words "Provided that the participation of the representative" shall be substituted by the words "The participation of the representative".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 488 of the 13th July, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**